26 ta' Settembru, 1953.

Imħallef :
Il-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

*Emilio Colombo versus Carmelo Wismayer ne.*

**Lokazzjoni d'Opera — Impjeg — Liċenzjament — Art. 25 ta' l-Att XI ta' l-1952 — Art. 1721 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili dwar il-liċenzjament ta' l-impjegati ġew revokati u sostitwiti bl-**Att XI ta' l-1952**, dawk id-dispożizzjonijiet li kienu jimpurtaw eċċezzjoni **għad-dritt***

*komuni, partikolarment għar-regola li l-kuntratti bilaterali jistgħu jiġu riżoluti fil-każ li waħda mill-partijiet ma tissoddisfax l-obligi tagħha, bagħhu in vigore anki taħt l-Att imsemmi; jiġifieri li taħt il-liġi l-ġdida l-każi li jiġġustifikaw il-liċenzjament immedjat ta' l-impjegat, esklużi dawk fil-liġi espressament imsemmijin bħala raġunijiet mhux tajba u biżżejjed, iridu normalment ikunu gravi u ripetuti, u mhux biss okkażjonali u kawżali.*

*Imma ma hux eskluż li anki raġuni gravi waħdanijo, taħt iċ-ċirkustanzi ta' ċerti każi, anki mhux reiterata, jew kawżali, tista' tiġi kunsidrata gravi u ġustifikattiva ta' reċess immedjat, non ostanti li tkun timplika provvediment hekk qawwi u aħrax.*

*Għalkemm il-ġeneralizzazzjoni f'dan il-kamp hija diffiċili, eppure jistgħu jkunu ta' għajnuna dawn in-normi direttivi:— 1. Illi l-gravità tar-raġuni tkun tali li tirrendi l-assoluta impossibilità tal-preżenza tal-haddiem fl-istabbiliment fejn ikun qiegħed jaħdem; 2. Ċirkustanzi li ma jkunux jippermettu jew ma jkunux jawtorizzaw, għal raġunijiet ta' moralità u ta' "bona fides", l-eżazzjoni jew kostrizzjoni, fejn u meta ammissibili skond il-ġurisprudenza, tar-reċedenti fil-kontinwazzjoni tal-kuntratt; 3. Il-kriterju miżuratur tan-natura tar-rapport ġuridiku u ta' l-iskop tal-kuntratt, li minnhom jistgħu jitnisslu ċerti previżjonijiet li kwalunkwe bniedem akkort ordinarjament u raġjonevolment jista' jipprevedi.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur ippremetta li in forza ta' skrittura tal-25 ta' Ġunju 1952 hu ġie impjegat mad-ditta konvenuta għal żmien sentejn, li jagħlqu fit-13 ta' Settembru 1954 (dok. A); u li l-istess ditta, b'ittra tagħha tal-5 ta' Settembru 1953, infurmatu li huwa ma kienx iżjed impjegat tagħha; talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż illi l-liċenzjament tiegħu bħala impjegat da parti tad-ditta konvenuta sar mingħajr raġuni tajba. B'riżerva ta' kull azzjoni oħra lilu kompetenti, u bl-ispejjeż;

***Omissis;***

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-fatti tal-kawża jirriżulta paċifikament li l-kontendenti kienu għamlu, fil-25 ta' Ġunju 1952, kuntratt tax-xogħol li kellu jispiċċa fit-13 ta' Settembru 1954. In-natura tiegħu kienet ta' lokazzjoni ta' l-opra, li l-attur bħala loka-

tarju assuma fil-kwalità ta' telarista, u d-ditta konvenuta intrapprendiet bħala konduttriċi, għall-iskop tal-fabbrikazzjoni tal-maljerija, kalzetti, eċċ. Fost il-pattijiet stabbiliti, id-ditta konvenuta kienet assumiet li tiffornixxi lill-lokatarju gratuwitament l-ikel u l-alloġġ.............. Fil-5 ta' Settembru 1953, "per ragioni a lei ben note e che non è necessario specificare nella presente", tgħid l-ittra tal-liċenzjament indirizzata lill-attur, dan l-aħħar ġie dispensat mis-servizz tiegħu, u qabel ma kien għalaq iż-żmien determinat fl-istess kuntratt.........;

Ikkunsidrat;

Illi bl-Att numru XI tas-sena 1952, id-dispożizzjonijiet mill-art. 1717 sa l-art. 1721 tal-Kodiċi Ċivili ġew il-lum revokati. L-avviż ta' u kumpens għal temm ta' kuntratti ta' servizz — ir-rapport ġuridiku involut f'dina l-kawża — huwa il-lum regolat mill-art. 25 ta' l-Att nru. XI ta' l-1952 fuq imsemmi, li sostanzjalment jirripeti dak li kien maħsub fl-art. 1721 tal-liġi ċivili komuni. Fost l-innovazzjonijiet, però, apportati mil-liġi l-ġdida, hemm il-paragrafu 10 ta' l-art. 25, fejn il-leġislatur fisser liema raġunijiet ma jistgħux jiġu miġjubin 'il quddiem: bħala raġuni tajba u suffiċjenti għar-reċess jew liċenzjament bla avviż, li ma jkunx jimplika bħala konsegwenza l-obbligu tal-kumpens in linea ta' danni;

Illi, kif id-dispożizzjonijiet li kienu qabel in vigore kienu jimpurtaw eċċezzjoni għad-dritt komuni, partikolarment għar-regola li l-kuntratti bilaterali jistgħu jiġu riżoluti fil-każ li waħda mill-partijiet ma tissodisfax l-obbligazzjoni tagħha (ara art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili), hekk ukoll id-dispost ta' l-art. 25 fil-liġi in vigore joħroġ eċċezzjonalment minn a ... ġenerali ta' dak l-istess dritt;

Illi minn dak li ntqal fuq jinsiel li l-kawżi ġustifikativi tal-liċenzjament immedjat — esklużi dawk fil-liġi espressament imsemmija bħala raġunijiet mhux tajba u biżżejjed — iridu normalment ikunu gravi u ripetuti, u mhux biss okkażjonali jew kawżali; imma mhux eskluż li anki raġuni gravi waħdanija, taħt iċ-ċirkustanzi ta' ċerti każi, anki mhux reiterata jew kawżali, tista' tiġi kunsidrata gravi u ġustifikativa

ta' reċess immedjat, non ostanti li tkun timplika provvediment hekk qawwi u aħrax (ara Giuria tal-Probiviri — alim. — Milano, 2 ta' Diċembru 1902, Bollettino Ufficiale, lav. nru. 671. fejn ġie mkeċċi impjegat jew ħaddiem l-għaliex pejjep—darba f'fabbrika ta' prodotti kimiċi u ta' gas; — Probiviri — legno — Milano, 10 ta' Frar 1904, eodem nru. 674, fejn ġie mkeċċi immedjatament impjegat li assista bla ebda reazzjoni għal serq ta' wieħed minn sħabu fuq ix-xogħol; Kummerċ, 6 ta' Ġunju 1933, in re "Paolino Carroll vs. Vincenzo Zarb", Vol. XXVIII—III—1184, u in partikulari paġ. 1188 in primis, konfermata fl-Appell fil-15 ta' Diċembru 1933);

Illi għalkemm il-ġeneralizzazzjoni f'dana l-kamp hija difficili, eppure jistgħu jkunu ta' għajnuna dawn in-normi direttivi :—

(1) Illi l-gravità tar-raġuni tkun tali li tirrendi l-assoluta impossibilità tal-preżenza tal-ħaddiem fl-istabbiliment fejn ikun qiegħed jaħdem;

(2) Cirkustanzi li ma jkunux jippermettu jew li ma jkunux jawtorizzaw, għal raġunijiet ta' moralità u ta' "bona fides", l-estenzazzjoni jew kostrizzjoni, fejn u meta ammissibili skond il-ġurisprudenza, tar-reċedenti fil-kontinwazzjoni tal-kuntratt;

(3) Il-kriterju miżuratur tan-natura tar-rapport ġuridiku u ta' l-iskop tal-kuntratt, li minnhom jistgħu jitnisslu ċerti previżjonijiet li kwalunkwe bniedem okulat ordinarjament u raġjonevolment jista' jipprevedi;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-attijiet tal-kawża u mill-provi ġie aċċertat li l-attur ma kienx inadempjenti fix-xogħol tiegħu ġewwa l-fabbrika. In-nuqqas lamentat sar fl-appartament destinat għall-alloġġ ta' l-attur in komunjoni ma' ħaddiema oħra frustieri. Dak l-alloġġ kien qiegħed jingħata f'post mhux konfinat mal-fabbrika, imma adjaċenti u mdaħħal fir-reċinti tagħha. Normalment id-destinazzjoni ta' post bħala alloġġ lil ħaddiem tifforma d-dimora tiegħu, sew jekk tkun fl-istabbiliment fejn jħandha titmexxa l-lokazzjoni ta' l-opera, sew jekk tkun, bħal ma huwa l-każ odjern. adjaċenti għall-fabbrika, imma fir-reċinti tagħha, sew jekk tkun band'oħra (ara Kummerċ 20 ta'

Novembru 1894 in re "Doris Mostyn vs. Luigi Vincenti", Vol. XIV, paġ. 420 u ta' wara, in partikulari paġ. 421 kolonna 2, para. 3). Iżda l-estensjoni ta' l-eżerċizzju ta' dana d-dritt trid tiġi viżwalizzata skond it-termini tal-kuntratt. Filkaż, dina l-estensjoni ma tistax ma tkunx kunsidrata ħlief fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li sejrin ngħidu, u ċjoè :—

(a) Li għalkemm l-alloġġ destinat lill-attur kien jirrappreżenta d-dar tiegħu fejn kulħadd jista' jagħmel dak li jriċ bħala "bonus pater familias", u mingħajr ma jinkorri fid-dritt publiku, dak l-alloġġ kollu kien in komunjoni ma' ħaddiema oħra li kellhom bħala fuqu drittijiet ugwali għal tiegħu ;

(b) Li dak id-dritt kien jimporta — u fil-fatt l-operazzjoni tal-kuntratt għal żmien ma tħalli ebda dubju fuq hekk— li d-ditta konvenuta kellha taħseb hija per mezz ta' impjegati tagħha għall-pulizja u tindif ta' l-appartament u ta' dawk li solitament jissejħu faċċendi domestiċi ; liema obligu, apparti l-obligu naturali, kien jimporta ċerti dmirijiet partikulari fil-lokaturi ta' l-opra, li kienu qegħdin igawdu minnu, fir-rispett ta' dawk id-domestiċi ; u dana l għaliex, milli jidher, il-ħaddiema kienu kollha skapuli bħal ma huwa l-attur ;

Illi minn dana l-aħħar fatt imsemmi u dritt konsegwenti jitnissel li l-attur, rigward il-kontenn tiegħu fl-appartament, kien u għandu jiġi kunsidrat bħala li kieku kien għadu ġewwa l-fabbrika, l-għaliex dika l-assunzjoni tad-ditta konvenuta ma kienetx ħlief estensjoni tal-fabbrika, u dana kien u kellu jidħol fil proviżjonijiet ta' l-attur meta għamel il-kuntratt ;

Illi skond il-kostum ta' dana l-pajjiż, fejn il-kuntratt qiegħed jiġi eżegwit, u fejn fil-fatt qiegħed jiġi operat il-kuntratt, mhix ħaġa xierqa............;

Illi kwindi dina r-raġuni, li hija indubbjament gravi u kienet ripetuta, kienet tiġġustifika l-liċenzjament immedjat ;

*Omissis ;*

Illi però, minn dak li niqal fuq huwa impossibili għad-ditta konvenuta li żżomm il-preżenza ta' l-attur fil-post fejn kien qiegħed jaħdem skond it-termini tal-kuntratt intervenut bejn l-istess attur u d-ditta in kwistjoni ;

Għal dawn il-motivi ;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi, billi tiddikjara li l-liċenzjament ta' l-attur mill-fabbrika msemmija kien radikat fuq raġuni tajba u suffiċjenti; bl-ispejjeż.